CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 14

It- Tnejn, 22 ta' Ġunju 2020

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' permezz taz- zoom streaming fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Mary Ann sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camile Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Joseph Debono- Viċi Sindku

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.09pm.

**14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

14.1.1 Is- SE infurma lill-Kunsill li l-Viċi Sindku bgħat jinfurmah li kien jinsab indispost u talab lill-Kunsill li jiġi skuzat

14.1.2 Il-Kunsill aċċetta t-talba tiegħu u ġie skuzat

**14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

13.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat- Tnax il- Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

13.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**14.3 Komunkazzjoni tas- Sindku**

14.3.1 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li fir-rigward ta' Għajn Hamiem, huwa tkellem mas-sid ta' din il-binja u qallu li kieku kellu jintervjeni il-Gvern Ċentrali biex isiru x-xogħolijiet ta' restawr huwa kien jaċċetta. Pero' huwa tal-fehma li jekk kellu jsir dan, is-sid jew is-sidien iridu bil-miktub jaċċettaw dan imbgħad minn naħa ta' legalita' irridu naraw dan ir-restawr jistax isir peress li hija binja privata u mhux tal-Lands.

14.3.2 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-electrician tal- Kunsill ser jnbidel għar-raġuni li kellna ma kienx qed ikun pro-attiv fix-xogħol tiegħu.

14.3.3 Is- Sindku qal li fl-aħħar jiem kien hemm għajdut li l-proġett għal bini ta' lukanda fi Saqqajja Hill huwa fi stadju ta' kunsultazzjoni bejn is-sidien u dawk l-entitajiet li huma direttament interessati. Huwa qal li s'issa il-Kunsill għadu ma ġiex avviċinat.

14.3.3.1 Is- SE qal li fuq dan il-proġett kien hemm applikazzjoni ma' L-Awtorita' ta' L-Ippjanar (PA 8732/18) li kienet ġiet irtirata u li s'issa ma giet sottomessa ebda applikazzjoni ġdida f'dan ir-rigward

14.3.4 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li huwa kien tal-fehma li nibgħatu għal min kien jitma l-qtates ġewwa Howard Gardens fejn nitkellmu miegħu u tiġi regolarizzata din l-attivita'.

14.3.5 Is- Sindku talab li l-fencing ta' madwar il-ġnien Hoaward għandu jibda' kemm jista' jkun malajr.

14.3.6 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-kunpanija Faces li tinstalla il-bus shelters ser titfa' applikazzjoni ma' l-Awtorita ta' L-Ippjanar biex jiġu nstallati zewg shelters fi Triq il-Muzew u Triq Galea Testaferrata

14.3.7 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li s-survey li sar fuq l-istat tal-pavimentar ġewwa l-Mdina tlesta u ser jiġi pprezentat fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill biex imbgħad jintbgħat għal kunsiderazzjoni ta' Infrastructure Malta.

**14.4 Rapport amministrattiv 2019- Approvazzjoni**

14.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport Amministrattiv għas-sena 2019.

14.4.2 Ir-rapport amministrattiv 2019 kien propost għall- approvazzjoni mis- Sindku li kien issekondat mill-Kunsilliera Maryann Sultana. Ir-rapport ġie approvat unanimament.

**14.5 Kwotazzjonijiet għal Website tal-Kunsill- approvazzjoni**

14.5.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-Kamra l-kwotazzjonijiet li ġew sottomessi fejn dawk li tefgħu l-offerta tagħhom kienu sittax (16). Il-Kunsill ddeċieda li jagħmel *short listing* ta' l-irħas tlett offerti mitfugħa u jibgħat għalihom biex jagħmlu presentation tagħhom.

**14.6 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

14.6.1 Il-Kunsill tkellem fuq il-BBQ annwali ta' kull sens li jsir fi Pjazza Mesquita f' Jum L-Mdina. Fil-laqgha li jmiss ser jara' s-sitwazzjoni tal-pandemija u jieħu deċizjoni jekk ssirxjew le din l-attivita'

14.6.2 Il-Kunsill talab lis- SE biex jikteb lil Cleansing Directorate biex fix-xhur tas-sajf il-Public Convenience li jinsab f' Howard Gardens jibqa' miftuħ sal-11pm.

14.6.3 Il- Kunsill talab biex il-ġnien iz-zgħir barra l-Mdina ssir iz-zabra tas- siġar prezenti

**14.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

14.7.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-22 ta' Ġunju 2020, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 18,788.94

14.7.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ser tiġi iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett la darba jitkomplu l-laqgħat fl-uffiċċju tal-Kunsill wara li tgħaddi l-pandemija wara istruzzjonijiet mid- Dipartiment u l-Awtoritajiet tas- Saħħa

**14.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

14.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-16.40 pm u ġiet aġġornata għal-20 ta' Lulju 2020 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data: 20-07-2020________